MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 594/2007

**Mario Gerada (ID-592156M)**
**u martu Maria Elena Gerada**
**(ID-645054M) u Tracey Ciantar**
**legalment separata**
**(ID-220702L)**

**vs**

**Carmel Pisani (ID-470958M)**
**u martu Rita Pisani**
**(ID-655561M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta` Lulju, 2007, fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta’ Lm200 illum ekwivalenti ghal Euro465.87c rapprezentanti bilanc minn somma akbar li l-konvenuti kienu ntrabtu li jhallsu skond skrittura datata 16 ta` Dicembru, 2006 li tinsab annessa u

mmarkata Dok. A wara li t-taghmir imsemmi fl-istess skrittura jigu msewwija kif fil-fatt ilhom li ghamlu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tac-cedola ta` depozitu pprezentata kontestwalment fejn gie depozitat l-istess taghmir wara li l-konvenuti rrifjutawhom ingustament u bl-imghax legali.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenuti datata 7 ta` Settembru, 2007 fejn ikkontestaw it-talba attrici fis-sens illi l-atturi naqsu li jirritornaw l-imsemmi taghmir fid-data stipulata fl-istess skrittura u cioe` sat-28 ta` Dicembru, 2006 bil-konsegwenza li l-konvenuti gew kostretti jikru taghmir iehor minghand terzi kif hemm indikat fil-kontro-talba. Illi ma kienx minnu li l-konvenuti kienu gew interpellati sabiex jigbru t-taghmir u l-unika interpellanza li saret kienet intbghatet zmien wara it-28 ta` Dicembru, 2006.

Bl-ispejjez inkluzi ta` l-ittra legali datata 23 ta` Mejju, 2007 kontra l-atturi.

Illi apparti r-risposta, l-konvenuti ntavolaw kontro-talba fejn talbu sabiex l-atturi jigu kkundannnati jhallsuhom s-somma ta` Lm285 illum ekwivalenti ghal Euro 663.87c, rapprezentanti spejjez minnhom inkorsi sabiex jikru taghmir simili minghand terzi per konsegwenza ta` l-inadempjenza ta` l-atturi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Ra r-risposta ta` l-atturi ghal kontro-talba proposta mill-konvenuti fejn ikkontestaw l-istess billi allegaw li ma kienx minnu li ma kienux irritornaw l-apparat tant illi dan gie depozitat taht l-Awtorita tal-Qorti. Illi fi kwalukwe kaz l-atturi ma kienu marbuta ma` ebda zmien u kwindi r-rimedju li messhom hadu l-konvenuti kien dak kontemplat fl-Artikolu 1078 (b) u 1130 (2) tal-Kap. 16. Inoltre jaffermaw li kienu l-istess konvenuti li baqghu inadempjenti u ghadhom sal-gurnata ta` llum ma onorawx il-ftehim peress illi ma accettawx it-taghmir lura u anqas ma hallsu l-flus minnhom dovuta. Illi l-ewwel darba li l-

konvenuti resqu l-pretenzjoni taghhom ghal hlas ta` Lm285 kien proprju biss fil-kontro-talba taghhom datata 12 ta` Ottubru, 2007 u allura hafna zmien wara l-akkadut. Illi ghal dawn ir-ragunijiet il-kontro-talba ghandha tigi respinta bl-ispejjez.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

L-attur Mario Gerada jikkontendi semplicement li huwa qieghed jibbaza t-talba tieghu a tenur ta` l-iskrittura privata ffirmata ma` l-konvenut ezebita bhala Dok. A a fol. 2 ta-process. Din l-iskrittura tikkontjeni ftehim milhuq bejniethom in segwitu ta` terminazzjoni ta` kirja. Peress illi kien hemm l-ismoke machine u l-club revolution ma kienux qed jahdmu sewwa, il-partijiet kienu waslu ghal dan il-ftehim li l-konvenut ihallsu biss is-somma ta` Lm500 mill-ammont pattwit ta` Lm700 u r-rimanenti Lm200 jithallsu hekk kif dawn iz-zewg bicciet apparat jissewwew. Skond l-attur il-hsara kienet minima u l-valur tat-tiswija ma kinietx sejra teccedi xi Lm27. L-attur kien sejjah lill-konvenut biex jigbor dan l-apparat fit-28 ta` Dicembru, 2006 ftit qabel ma kellu jsiefer fuq xoghol u dana peress li kien irranghom. Dak in-nhar pero` ghalkemm il-club revolution hadmet, l-ismoke machine baqghet ma ffunzjonatx sewwa. Il-konvenut irrifjuta li jiehu mieghu l-club revolution ghalkemm hadmet u dana peress li ta` bilfors riedhom it-tnejn f’daqqa. Eventwalment l-ismoke machine ssewwiet ghand in-Nexus pero` peress illi baqa` ma ntlahaqx ftehim ma` l-konvenut, l-apparat baqa` ghand l-atturi sakemm gew depozitati l-Qorti. L-attur jafferma li skond l-iskrittura a fol. 2 tal-process, huwa ma kienx marbut bi zmien biex jirritorna dan l-apparat funzjonabbli.

Jonathan Gerada bin l-atturi, jikkonferma li f’laqgha meta huwa kien prezenti ma` l-konvenut biex jigu ritornati l-apparat, il-club revolution hadmet filwaqt li l-ismoke machine le. Xorta wahda pero` jiftakar li missieru xtaq

jikkonkludi dak in-nhar peress li kien sejjer isiefer u dan billi inaqqas mill-ammont li kellu jircievi minghand il-konvenut pero` dan ta` l-ahhar ma accettax.

Il-konvenut Carmel Pisani kkonferma l-kontenut ta` l-iskrittura ta` ftehim a fol. 2 tal-process. Fil-fatt jikkonferma wkoll li l-ftehim kien li lill-attur itieh il-kumplament ta` Lm200 hekk kif iz-zewg apparati msemmija jigu jahdmu u l-obbligu ghal din it-tiswija kien assumiha l-attur. Dan il-konvenut jaccetta wkoll li ma kienux ftiehmu fuq zmien specifikat meta dawn kellhom jigu ritornati pero` l-attur kien tah x’jifhem li kellhom haga zghira biss u li ta` l-ahhar kien ben konsapevoli tal-fatt li l-konvenut ried jahdem bihom partikolarment meta tqis li kienu resqin il-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-sena. Fit-28 ta` Dicembru, meta regghu ltaqghu bl-intiza li l-konvenut jigbor dan l-apparat dawn regghu ma hadmux u ghalhekk ma hadhomx mieghu. Kien prezenti wkoll tan-Nexus u meta dan ix-xhud issuggerixxa li jehodhom hu biex isewwihom, l-attur ma accettax u hadhom lura mieghu. Rega` sema` minghand l-attur diversi xhur wara meta fit-2 ta` Mejju, kien ircieva ittra minghand l-avukat tieghu. Dok. CP1, liema ittra giet risposta b’Dok. CP2. Ghal festi tal-Milied u l-Ewwel tas-sena, il-konvenuti jafferma li huwa gie kostrett jikri dan l-apparat minghand terzi kif jirrizulta minn Dok. CP3 li hija l-bazi tal-kontro-talba.

Pierre Musu l-accountant tal-konvenut ukoll jikkonferma l-ftehim milhuq a fol. 2 tal-process. Dan ix-xhud jafferma li meta marru biex jigbru l-apparat in kwistjoni mill-garage ta` l-attur, il-club revolution dehret li kienet qed tahdem pero` l-ismoke machine certament ma hadmitx. Skond dan ix-xhud l-attur kien inkariga ruhu li jsewwihom f’qasir zmien.

Silvio Scerri tan-Nexus kien intalab imur il-garage lejn l-ahhar ta` Dicembru, 2006 biex jispezzjona l-apparat. Huwa jafferma li l-club revolution kienet tahdem pero` mhux b’mod ottimu filwaqt li l-ismoke machine ma hadmitx sewwa u skond hu kien jehtieg li tinbidel il-pompa. Dan ix-xhud ikkonferma wkoll Dok. CP 3. It-Tribunal ma hux ser joqghod wisq fuq din ix-xhieda peress illi kellu nteress

dirett fuq din il-vertenza stante li rrizulta car li meta mar biex jispezzjona l-apparat fit-28 ta` Dicembru, l-konvenut kien gia` ilu jikri minghandu l-istess apparat sa mill-21 ta` Dicembru.

Huwa nterssanti li jigi notat minn Dok. CP 3 illi l-konvenut kera l-apparat in kwistjoni mill-21 ta` Dicembru, 2006 sat-2 ta` Jannar, 2007 meta kien biss fit-28 ta` Dicembru, 2006 f'laqgha istigata mill-attur li sar jaf li ma setax jiehu lura dan l-apparat peress li kien ghadu mhux funzjonabbli sew jekk it-tnejn u sew jekk wiehed biss. Fis-16 ta` Dicembru, meta giet iffirmata l-iskrittura bejn il-partijiet u meta l-konvenut kien intrabat li jhallas il-bilanc ta` Lm200 meta dan l-apparat jahdem, l-istess konvenut ma ghamel ebda riserva li jzomm lill-attur responsabbli ghal kiri ta` apparat simili kemm idum ma jahdimx. Illi ghalhekk hija nspjegabbli mill-qari tal-ftehim datat 16 ta` Dicembru kif il-konvenut mar jikri apparat iehor hames t'ijiem wara u issa jipprova jghabbi lill-attur bil-piz ta` tali kirja. Huwa sinifikanti wkoll il-fatt li l-istess konvenut jafferma li huwa ma qghadx jigri u jissikka lill-attur ghat-tiswija u wisq anqas bghatlu xi nterpellanza ghal hlas ta` tali kirja, liema talba tidher li giet avvanzata l-ewwel darba ghar-risposta ta` l-ittra ta` l-attur. Illi ghandu jigi notat ukoll li fuq il-ftehim bejn il-partijiet a fol. 2 tal-process ma kienx gie stipulat terminu ta` zmien ghat-tiswija, oggett li z-zewg nahat qed jaqblu fuqha. L-unika kondizzjoni mposta kienet li l-konvenut ma jhallasx is-somma ta` Lm200 qabel dawn iz-zewg oggetti jissewwew u fin-negattiv kellhom jigu sostitwiti.

Illi in vista tal-premess ghalhekk meta l-konvenut gie nfurmat li l-apparat kien funzjonabbli u kwindi biex ihallas ir-rimanenti bilanc, id-dritt tieghu naxxenti minn dik l-iskrittura kienet fis-sens qabel xejn li l-ewwel jivverifika jekk qedx jahdmu sewwa jew le u f'kaz negattiv jesigi tnejn ohra godda u mhux jirrispondi b'mod generiku u vag u jressaq kontro-talba ghal kiri ta` apparat li ma kienx kontemplat fl-iskrittuta tas-16 ta` Dicembru meta facilment tali eventwalita` setghet giet anticipata.

Illi ghalhekk l-atturi kienu in regola li javzaw lill-konvenut li l-apparat kien funzjonabbli u sabiex jigbor l-istess u jhallas il-bilanc pattwit. Kienu in regola wkoll meta huma ddepozitaw l-istess taht l-Awtorita` tal-Qorti meta l-konvenut naqas li jaccetthom. Da parti taghhom, ir-reazzjoni tal-konvenuti ma kinietx in regola ma` u a tenur tal-kontenut tal-ftehim pattwit u wisq anqas huma gustifikati li jressqu kontro-talba simili u dana ghar-ragunijiet kif fuq spjegat.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti kwindi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma rikjesta fl-ammont ta` Euro465.87c, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez a karigu tal-konvenuti filwaqt li ghall-istess ragunijiet fuq esposti qed jigu akkolti l-eccezzjonijiet sollevati mill-atturi fuq il-kontro-talba avvanzata mill-konvenuti u kwindi jichad l-istess kontro-talba tal-konvenuti, bl-ispejjez ta` din l-istanza wkoll a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------